# 9 ta' Diċembru, 1955

## Imħallef:
## Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Francesco Caruana et. *versus* Valentina Caruana et.

## Wirt — Legat — Leġittima — Aċċettazzjoni — Provi — Minuri — Mara — Illeġittimità tal-Persuna — Art. 782(a) (b) u 790(2) tal-Proċedura Ċivili

*Il-prova tal-aċċettazzjoni ta' legat taqa' fuq min jallegaha. Imma, bħal fil-każ ta' wirt, l-aċċettazzjoni ta' legat tista' tkun espressa jew taċita. U hija taċita meta l-legatarju jagħmel xi att li bil-fors ifisser li hu ried jaċċetta l-legat, u li ma kienx ikollu l-jedd li jagħmel jekk mhux bħala legatarju; bħal ma huwa l-att tal-legatarju li jitlob u jirċievi ħlas ta' flus akkont tal-legat, li jeżiġi u jirċievi l-imgħax fuq il-legat, u jitlob u jottjeni mingħand l-amministratur tal-wirt gravat bil-legat prospett tal-bilanċ lilu dovut mill-legat.*

*Jekk l-oġġett tal-legat huwa somma ta' flus imħollija minn missier in soddisfazzjon tal-leġittima dovuta lill-legatarju fuq l-assi proprju ta' dak il-missier u in sodisfazzjon totali tad-drittijiet ereditarji tal-legatarju fuq l-assi matern, u jiġi pruvat li dak il-legatarju aċċetta l-legat hekk lilu mħolli, dak il-legatarju huwa preklużi milli jitlob u jottjeni likwidazzjoni tal-wirt tal-ġenituri tiegħu biex jottjeni d-drittijiet tiegħu bħala wirt jew bħala leġittima.*

*Persuna taħt l-età ma tistax tagħmel f'kawża personalment, u għal-*

*hekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju jekk tiġi mgħarrka personalment.*

*Lanqas mara miżżewġa ma tista' tiġi mħarrka mingħajr l-assistenza ta' żewġha, jekk hija ma tkunx mifruda legalment minn żewġha jew dan ma jkunx assenti; imma din l-eċċezzjoni hija relattiva għar-raġel; u jekk ir-raġel ma jqanqalhiex, mhux leċitu għal ħadd-ieħor li jqanqalha.*

Il-Qorti;— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, premessi d-dikjarazzjoni meħtieġa u wara li jingħataw l-ordnijiet li hemm bżonn, peress illi b'atti tan-Nutar Giovanni Chapelle tad-19 ta' Mejju 1913, b'testment "unica charta", Francesco Saverio u Annetta miżżewġin Caruana nnominaw eredi f'porzjoni ugwali lis-sitt ulied tagħhom, Valentina, Giuseppina, Paolo, Gertrude, Mary u Aristide; u peress li Francesco Saverio Caruana, b'testment sussegwenti tan-Nutar Salvatore Borg Olivier tat-3 ta' Lulju 1931, iddispona b'titolu ta' legat unikament favur tal-konvenuta Valentina u ta' Giuseppina l-lum mejta, li tagħha hi eredi universali l-istess Valentina, u tal-mejjet Paolo Caruana li huma werrieta tiegħu l-konvenuti Dr. Maurice Caruana u Joseph Caruana, Annie u Muriel, assenti, u Giorgina inabilitata, u dan billi l-imsemmi Francesco Saverio Caruana ddispona kważi nterament mill-assi wkoll tal-imsemmija martu, b'mod illi rriduċa u ffissa fis-somma ta' £1650 l-kwota dovuta bħala leġittima lil Aristide, missier l-atturi, il-lum mejjet; u peress li b'hekk l-imsemmi Francesco Saverio Caruana iddispona minn ħaġa mhix tiegħu u ċeda s-sehem dovut lill-atturi skond il-liġi u skond l-ewwel testment; talbu li din il-Qorti, jekk ikun hemm bżonn permezz ta' periti, tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejn Francesco Saverio Caruana u Annetta martu, u dan miż-żwieġ tagħhom sas-26 ta' Mejju 1913, meta mietet l-imsemmija Annetta Caruana, l-imsemmijin konjuġi Caruana kienu żżewġu fl-10 ta' Jannar 1880; billi jiġi assenjat nofs l-assi hekk likwidat lill-wirt ta' Annetta Caruana u n-nofs l-ieħor lill-wirt ta' Francesco Saverio Caruana; li, jekk hemm bżonn per mezz ta' periti, tillikwida u tistabbilixxi l-entità tal-assi dotali u parafernali tal-mejta An-

netta Caruana; li l-assi tal-mejta Annetta Caruana, komprendenti l-beni dotali u parafernali, kif ukoll l-akkwisti kif fuq likwidati, dina l-Qorti tordna li jinqasam f'sitt porzjonijiet ugwali, u li sesta parti tiġi assenjata lill-atturi, sesta parti lill-konvenuti ulied Paolo Caruana, sesta parti lill-ulied Mary mart Joseph Azzopardi, sesta parti lil Mildred Castillo bint Mary neé Caruana, u żewġ sesti lil Valentina, billi hi eredi unika universali ta' ohtha Giuseppina; li dina l-Qorti, per mezz ta' periti, tistabbilixxi l-leġittima dovuta lil Aristide Caruana mill-wirt ta' Francesco Saverio Caruana; li l-konvenuti jiġu kundannati solidalment iħallsu lill-atturi dik is-somma, u jagħtu pussess ta' dik il-kwota ta' immobbili lill-atturi, li jiġu stabbiliti minn dina l-Onorabbli Qorti, kif intqal fuq, bħala dovuti bħala lehemhom skond il-liġi u t-testment ta' Annetta Caruana, u bħala leġittima dovuta lill-missierhom il-mejjet Aristide, u hekk lilhom, mill-wirt ta' Francesco Saverio Caruana. Bl-imgħax skond il-liġi; u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat il-verbal tat-13 ta' Ottubru 1955, fejn l-atturi talbu li jġibu bħala xhud lil Lina Caruana għall-oġġett hemm speċifikat; u l-Qorti rriżervat li tipprovdi aktar il-quddiem;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif ġie rilevat, u l-lum pruvat, il-konvenuta Gertrude Azzopardi għadha taħt l-età, u għalhekk ma tistax tidher f'din il-kawża personalment, kif tinsab imħarrka (art. 782 (a) Proċ. Ċiv.), u l-eċċezzjoni tan-nullità hija relattiva għaliha wkoll (art. 790(2) Proċ Ċiv.);

Kwantu għall-konvenuta Annie Pace Decesare, hija ġiet imħarrka mingħajr l-assistenza ta' żewġha, u dan ukoll kontra il-liġi (art. 782 (b) Proċ. Ċiv.). Difatti, ebda prova ma saret li hija separata legalment minn żewġha, jew li dana jinsab imsiefer, u proprjament tinsab ċitata ħażin. Iżda skond l-imsemmi art. 790 (2), in-nullità ma tistax tinġieb il-quddiem ħlief mir-raġel, illi sal-lum ma qanqalhiex; u għalhekk mhux leċitu lil ħadd ieħor iqanqalha;

Illi, eliminata l-preġudizzjali rigward il-forma, il-Qorti

tgħaddi biex teżamina l-eċċezzjoni komuni għall-konvenuti rigward l-improponibilità tal-azzjoni minħabba li Aristide Caruana, awtur tal-atturi, kien aċċetta l-legat ta' £1,650 lilu mħolli minn Francesco Saverio Caruana, missieru, a saldu tal-kwota li kien imissu mill-wirt ta' Annetta Caruana, ommu, u tal-leġittima dovuta fuq il-wirt tal-imsemmi missieru;

Illi b'testment "unica charta" fl-atti tan-Nutar Giovanni Chapelle, tad-19 ta' Mejju 1913 (dok. 14), Francesco Saverio u Annetta ġa miżżewġin Caruana, awturi tal-kontendenti, *fost dispożizzjonijiet oħra, kienu ħallew lil xulxin* l-użufrutt tal-beni tagħhom, bil-fakoltà "nel superstite di ipotecare i beni medesimi e di disporne sia per atto tra vivi che per atto di ultima volontà: purchè in ogni caso rimanga integra ed *intatta* la legittima spettante a qualunque dei loro figli e delle loro figlie sul loro asse ereditario" (art. 3). Wara li mietet l-imsemmija martu, Francesco Saverio Caruana ipprevalixxa ruħu minn dik il-fakoltà; u b'testment għand in-Nutar Salvatore Borg Olivier tat-3 *ta'* Lulju 1931 (*fol. 17) iddispona, fost ħwejjeġ oħra,* fl-art. 4, li l-eredi tiegħu jkunu wliedu Paolo, Giuseppina u Valentina, fi kwoti ndaqs, u mpona lilhom, fl-art. 10, "di pagare a ciascuno dei detti Aristide, Gertrude e Maria, a titolo di legittima ed *in soddisfazione totale* della quota ereditaria materna e della legittima nella successione di esso testatore, la somma di lire mille seicento e cinquanta (£1650); con questo che tutte le somma ed altre sostanze che il detto Aristide avrà in vita del testatore ricevuto *dal medesimo.* e che *fossero secondo* la legge soggette ad imputazione, dovranno considerarsi come state avanzate, fino alla misura della legittima sull'asse di esso testatore, acconto di detto legato; e perciò dovranno essere dedotte *dallo stesso, rimanendo essi eredi così* obbligati soltanto a pagare al detto Aristide quella differenza che risulterà a lui dovuta. Il testatore concede il termine di sei anni ai suddetti suoi eredi per effettuare il detto pagamento di detta somma; sulla quale però decorreranno, dal giorno della *sua morte, gli interessi del cinque per cento a favore* dei detti legatari, pagabili semestralmente di posticipato";

Illi, wara li saru dawn il-premessi, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk Aristide Caruana, awtur tal-atturi, aċċettax jew le l-legat lilu mħolli minn missieru; għaliex, f'każ ta' aċċettazzjoni, ġiet prekluża kull azzjoni għall-likwidazzjoni tal-kwota materna u tal-leġittima fuq l-assi tal-missier kif il-lum mitlub fiċ-ċitazzjoni;

Illi l-prova ta' dina l-aċċettazzjoni tinkombi lill-konvenuti li eċċepewha. Dawna ġiebu diversi provi, testimonjali kif ukoll dokumentali, li minnhom, skond il-fehma tal-Qorti, tirriżulta l-allegata aċċettazzjoni. Dina tista', bħal fil-każ ta' eredità, issir jew espressament jew taċitament; għaliex, kif osserva Pacifici Mazzoni, "in entrambi i modi la volontà può essere manifestata; e la legge non prescrive che qui sia manifestata in maniera espressa e solenne" (Succes., Vol. VII, par. 41). Għalhekk l-aċċettazzjoni taċita tal-legat tingħata meta l-legatarju jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-legat, u li ma kienx ikollu l-jedd li jagħmel jekk mhux bħala legatarju;

Issa, irriżulta mill-provi (1) illi Aristide Caruana, wara l-mewt ta' missieru, kien jitlob u jieħu flus minn għand l-amministraturi tal-wirt tal-ġenituri tiegħu akkont tal-legat lilu mħolli, u f'dan is-sens kien jagħmel l-irċevuti ........; (2) illi huwa kien jeżiġi u jirċievi anki l-imgħax fuq il-legat; (3) illi huwa kien talab u ottjena minn għand l-amministratur Joseph Caruana prospett tal-bilanċ lilu dovut mil-legat, u, barra minn xi osservazzjonijiet fuq ammonti żgħar, ma għamel ebda protesta; u minn dana l-prospett (fol. 46) jirriżulta li l-ewwel partita kienet intestata "Legat imħolli minn Fco. Sav. Caruana lill-ibnu Aristide Caruana, wara l-mewt tiegħu, £1650"; u jidher fih li huwa kien irċieva diversi akkonti, u saħansitra l-imgħax tal-5%; liema prospett ġie ukoll, bil-parteċipazzjoni tal-avukat tiegħu, preżentat quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti in konnessjoni mar-ranġament li kien ser isir u li ma sarx;

Dana l-atteġġjament ta' Aristide Caruana ġie konfermat mhux biss minn martu Antonietta, skond l-ittra tat-2x ta' Mejju 1944 (fol. 48), miktuba mill-Prof. Dr. Victor Caruana, imma anki mill-atturi, bil-flus li huma rċevew

permezz tal-mandatarju tagħhom l-attur Joseph Caruana, nominat bi skrittura tal-20 ta' Frar 1948 (fol. 51), fejn espressament iddelegawlu "l-fakoltà biex għan-nom tagħhom jirċievi minn għand l-eredi tal-mejjet Francesco Saverio Caruana kwalunkwe pagament, sew totali kemm parzjali, tal-bilanċ tal-kapital u tal-interessi relattivi għall-legat imħolli lill-imsemmi missierhom Aristide Caruana skond l-aħħar testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Salvatore Borg Olivier, u biex għan-nom tal-kostitwenti tiegħu hawn kumparenti u sottoskritti jħalli riċevuta lill-paganti". Veru li fl-istess skrittura żdiedet klawsola li kienet qegħedha tiġi firmata "mingħajr preġudizzju tad-drittijiet tal-firmatarji għal kwalunkwe pretensjoni oħra kontra l-wirt fuq imsemmi"; imma din il-klawsola, kif sejjer jingħad il-quddiem, tħalli l-pożizzjoni ġuridika inalterata. Bis-saħħa ta' din l-iskrittura Joseph Caruana rċieva l-flus, almenu darba (fol. 55), anki għan-nom tal-kostitwenti tiegħu, bħala "akkonti tal-legat" in kwistjoni, kif del resto kien għamel qabel (ara riċevuti fol. 52 53 u 54) fl-interess tal-atturi Lina Caruana, Anne St. John, u tiegħu stess;

Konferma oħra ta' dan l-atteġġjament ta' l-atturi jirriżulta mill-ittra tal-4 ta' Diċembru, 1950 (fol. 56), li biha l-konsulent legali tagħhom, Dr. Filippo N. Buttigieg, ikkritika l-prospett relattiv għall-bilanċ tal-legat, u saħansitra kkonfrontah ma' dak ġa eżibit quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, li kien sar fis-sena 1935, eżibit fol. 46 tal-proċess, biex wasal għall-konklużjoni li l-bilanċ favur l-imsemmi Aristide Caruana ma kienx £201. 10. 1, imma £344. 9. 1, u talab li jsir arranġament, dejjem però dwar il-bilanċ tal-imsemmi legat;

Illi, minn naħa tagħhom, l-atturi jikkontestaw il-pretiża aċċettazzjoni tal-legat; u dan, prinċipalment, għar-raġunijiet hawn taħt miġjuba:—

1. Għaliex, wara li waqa' l-"Market Cold Stores", li jidħol fil-wirt ta' Francesco Saverio u Annetta Caruana, l-atturi, bħala uħud mill-komproprjetarji, talbu u ottenew xi għajnuna mill-"Malta Relief Fund", kif jirriżulta mill-ittra tad-9 ta' Lulju 1955 (fol. 133). Iżda, kif sewwa osservaw il-konvenuti fin-nota tagħhom fol. 134 et seq., l-ittra

tikkontjeni dikjarazzjoni unilaterali ta' omm l-atturi, u tikkostitwixxi għall-konvenuti "res inter alios acta", u ma tistax, għalhekk, tippreġudikahom. *Però*, minn dik l-istess ittra jidher illi, meta rriżulta li Aristide Caruana ma kellux interess f'dik l-azjenda, l-għajnuna ġiet sospiża;

2. Għaliex l-atturi, kif ġa ntqal u skond *l-iskrittura* tal-20 ta' Frar, 1948 (fol. 51), kienu rriżervaw id-drittijiet tagħhom kontra l-wirt ta' Francesco Saverio Caruana; iżda din ir-riżerva ta' drittijiet ma setgħetx tħassar l-imgħoddi u toħloq *favur* l-atturi *drittijiet li* ma *kellhomx, jew* li tal-volta l-awtur tagħhom *jew huma* stess b'għemilhom kienu ġa *tilfu*. Dik ir-riżerva seta' kellha biss xi valur, jekk kellha, għall-quddiem; imma ma setgħetx tid-distruġġi l-*imgħoddi*; u *mill-provi ma rriżultax* illi l-konvenuti rrinunzjaw għad-drittijiet ġa minnhom akkwistati bl-aċċettazzjoni tal-legat da parti ta' Aristide Caruana u ta' l-istess atturi. Dik ir-riżerva, imbagħad, kienet inutili, għaliex magħmula kontra l-istess att kontestwalment kompjut mill-atturi; fis-sens illi, fl-istess ħin li huma kienu jirrikonoxxu l-aċċettazzjoni tal-legat u jiddelegaw lill-mandatarju jirċievi għalihom *il-bilanċ tal-kapital u l-interessi* ta' l-istess legat, bil-pretiża *riżerva* huma jippretendu li żammew id-dritt li jistgħu jwaqqgħu dik l-aċċettazzjoni l-quddiem; u dan kontra l-prinċipju ormaj paċifikament rikonoxxut li "protestatio contra actum *non* valet". Difatti, jekk dik l-iskrittura għandha tittieħed bħala aċċettazzjoni "espressa" tal-legat, allura, kif jinnota Laurent, "non si concepisce neppure una riserva; colui che *dichiara di accettare* una eredità (u, a pari, anki legat) potrebbe riservarsi la facoltà *di rinunciare*? Ciò non avrebbe senso" (Diritto Civile, Vol. IX, no. 291). Jekk, imbagħad, l-iskrittura tinduċi biss aċċettazzjoni "taċita" tal-legat, ladarba l-intenzjoni li taċċetta tirriżulta *univokament* minn dik l-iskrittura, u min għamilha seta' biss jagħmilha bħala titolar tal-legat, allura, kif jgħid Baudry, "le proteste non *possono distruggere* la portata di quest'intenzione. Il Mornac diceva a questo proposito: "Facta sunt potentiora verbis, multoque amplius est facere quam pronuntiare' (Successioni, *Vol. II, § 1172)*". Konsegwentement, *il-pretiża riżerva ma* għandhiex il-valur

li jridu jagħtuha l-atturi, u ma tistax tippreġudika lill-konvenuti;

Illi l-atturi ġiebu wkoll xi provi testimonjali favur tagħhom; iżda dawn, jew kienu *inadegwati* u *irrilevanti*, jew ġew newtralizzati bil-provi kuntrarji;

Illi għalhekk, dimostrata l-aċċettazzjoni tal-legat ta' £1,650 imħolli lil Aristide Caruana minn missieru, din l-aċċettazzjoni ma setgħetx tiġi ritrattata, la minnu u lanqas mill-atturi, eredi tiegħu. "L'accettazione", jgħid Pacifici Mazzoni, "è irretrattabile; e il legatario che in seguito rinunzi alla cosa legata a favor dell'erede, compie un atto di cessione di diritto già diventato suo; ed anche di cosa già diventata sua" (op. cit., § 41, pag. 111);

Illi, fl-aħħarnett, ta' *min jirrileva* illi l-mejtin Mary Azzopardi u Gertrude Castillo, kif ġa pprovat, f'ħajjithom kienu aċċettaw il-legat ta' £1650 lilhom imħolli minn missierhom Francesco Saverio Caruana a saldu tad-drittijiet tagħhom fuq il-wirt tiegħu u ta' Annetta Caruana, ommhom; u għalhekk uliedhom, il-konvenuti Mildred Castillo in Colman, Edgar, Violet, Gertrude, Edward, u Annie Pace Decesare, aħwa Azzopardi, ma għandhomx interess f'din l-kawża;

Illi, kwantu għall-prova offerta mill-atturi fil-persuna ta' Lina Caruana skond il-verbal fol. 120, il-Qorti in segwitu għar-riżultanzi proċesswali, u wara l-konsiderazzjonijiet fuq miġjuba, tirritjeni l-prova *irrilevanti*, u tirrespinġi t-talba analoga ta' l-atturi;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna opposta mill-konvenuta *Gertrude Azzopardi*, u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;

Tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna għarrigward tal-konvenuta *Annie Pace Decesare*, bl-ispejjeż kontra tagħha;

Tilqa' l-eċċepita improċedibilità ta' l-azzjoni minħabba li l-legat fuq *imsemmi ġie mħolli*, u *aċċettat* minn Aristide Caruana, a saldu u in sodisfazzjon tad-drittijiet tiegħu kollha, anki fuq il-wirt ta' ommu Annetta Caruana;

U konsegwentement tirrespingi d-domandi dedotti fiċ-ċitazzjoni;

*L-ispejjeż*, barra dawk ġa fuq deċiżi, jitħallsu mill-atturi.